SANTA LUĊIJA

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 39-18**
**Laqgħa Msejħa b'Urġenza**

**17 ta' Frar 2018**

Il-Kunsilli Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fid-9.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras - Kunsillier
Joe Bonello - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera Caroline Galea

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**39.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara l-ittri tal-apoloġija tal-Kunsilliera Caroline Galea.

**39.1 Avviż mill-Awtorita' tal- Artijiet dwar Laqgħa ta' Konsultazzjoni: LAPC - 7/17-Triq L-Istefanotis/Triq Katerina Vitale**

Is-Sindku qal li din il-laqgħa qiegħda tissejjaħ b'urġenza biex il-Kunsill jiddiskuti fuq proposta li hemm quddiem l-Awtorita' tal-Artijiet dwar biċċa art fi Triq l-Istefanotis u Triq Katerina Vitale. Huwa qal li nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Frar 2018 ser issir Laqgħa ta' Konsultazzjoni mill-Awtorita' tal-Artijiet fir-rigward ta' din il-proposta ta' żvilupp.

Ġie ppreżentat rapport tal-applikazzjoni li tniżżel minn fuq is-sit tal-Awtorita' tal-Ippjanar u nqraw partijiet sostanzjali minnhu. Ġie nutat li parti minn dan is-sit huwa tal-privat u l-parti l-oħra hija tal-Gvern Malti. Il-Kunsill innota wkoll li qed jiġi propost żvilupp residenzjali fuq dan is-sit.

Il-Viċi Sindku qal li qabel l-2013 kien ħareġ permess tal-bini fuq dak is-sit fuq il-parti li tappartjeni lill-privat.

Il-Kunsillier Sciberras qal li l-lokalita' hija diġa densa u għandhom jiġu protetti r-residenti. Huwa qal li jekk isir xi żvilupp, dan għandu jkun wieħed sostenibbli.

Is-Sindku kkonkluda li l-Kunsill għandu jara x'ser jintqal waqt il-Laqgħa ta' Konsultazzjoni u qal li hu ma jaċċettax li jitla' bini aktar milli suppost. Huwa qal li din il-proposta għanda tkun fuq l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

**39.2 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**39.2.1** Il-laqgħa intemmet fid-9.35a.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 15 ta' Marzu 2018 fl-4.30p.m kif skedata.

Konfermati, illum il-______________, ____ ta' ______________ 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |